Tfassil tal-Lezzjoni No.1
Ms Marienza Spiteri

**Suġġett:** Malti Letteratura. Sillabu taċ-Ċes.

**Klassi:** Form 3Blue

**Ħin:** 45 minuta bejn wieħed u ieħor.

**Topik:** Il-Poeżija Mal-Ewwel Qtar

**Għan Ġenerali**:

Matul is-sena skolastika, jien ikolli żewġ lezzjonijiet fil-ġimgħa li l-għan tagħhom hu li jkopru:

- Qari tat-test (bejn wieħed u ieħor żewġ paragrafi/stanzi kull lezzjoni)
- Spjegazzjoni tal-vokabularju (minn Malti antik għal Malti modern) (mill-Malti għall-Ingliż)
- Spjegazzjoni tat-termini letterarji
- Spjegazzjoni tat-test fi ħdan it-tema
- Għotja ta' xogħol għad-dar wara kull test
  (ix-xogħol jinkludi mistoqsijiet qosra li mwieġba b'ċertu mod, joħolqu analiżi/taqsira ta' mitejn kelma mill-inqas)
- It-tema analizzata minn Settembru sa Ġunju hija:TIFKIRIET

**Għan Speċifiku**:

- F'din il-lezzjoni, jiena flimkien mal-istudenti ħa nkunu analizzajna l-aħħar parti tal-poeżija Mal-Ewwel Qtar.
- Fl-aħħar tal-lezzjoni l-analiżi tal-poeżija trid tkun kompluta.

**Proċediment**:

o Jien inħobb nistenna fil-bieb u f'dan il-mument l-istudenti jafu li
  - ✓ jridu jiżbarazzaw il-mejda minn kotba ta' suġġetti oħrajn,
  - ✓ joħorġu l-fajl tal-Malti, karti vojta u l-kaxxa tal-għodda (*pencilcase*),
  - ✓ jiċċekkjaw għandhomx il-materjal meħtieġ (f'dan il-każ il-fotokopja fejn hemm ipprintjata l-poeżija msemmija) jekk le, iridu jiġru jagħmlu fotokopja mingħand is-segretarja.
  - ✓ jiġbru ż-żibel minn mal-art. Dan l-kmand imdorrijin għalih ladarba jafu li jien ġo miżbla ma naħdimx.
  - ✓ jqumu bil-wieqfa u jistennew li nidħol fil-klassi. Ngħid '*Bonġu lil kulħadd*', nistenna risposta lura, ngħidilhom biex ipoġġu bilqiegħda.

Minn hawn mhemmx dubju dwar il-livell għoli tas-**Sekwenza** tiegħi. Jien inħobb l-ordni għax fiha nara li l-istudenti jaqtgħu minn dak li kienu qed jagħmlu qabel u jiffukaw fuq dak li ġej għalihom.

Sakemm il-proċedura tal-bidu ssir awtomatika jgħaddu xhur u jien sadanitant infakkar lill-istudenti x'għandhom jagħmlu hekk kif inkun qed nistenna fil-bieb.

- Nagħmel reviżjoni ta' dak li jkun intqal fil-lezzjonijiet ta' qabel. Nistaqsi oralment u nħeġġeġ lill-istudenti jfittxu t-tweġibiet min-noti li jkun ħadu. Din tkattar fihom is-sens ta' **Preċiżjoni** apparti li huma jerġgħu jiftakru dak li jkun seħħ qabel.
- Inkompli minn fejn ħallejna. F'din il-lezzjoni wasalna lejn it-tmiem tal-poeżija. Nistieden lil xi ħadd jaqra u waqt il-qari, kull student jimmarka bil-lapes il-vokabularju li ma jafx.
- Nispjegaw flimkien il-vokabularju bil-Malti u bl-Ingliż. Din l-attivita' li tindika **Preċiżjoni**, hija utli ħafna għall-istudenti tiegħi ladarba dawn mhumiex kunfidenti fil-lingwa. B'dan il-qafas huma ma jintilfux u jkomplu jiffukaw.
- Minn hawn tibda l-analiżi li fiha titħaddem il-**Konfluwenza** imma b'mod imrażżan. Jien inħeġġeġ din l-attivita' b'għadd ta' mistoqsijiet li jiġu fil-waqt u li jkomplu jitkattru skont dak li jkunu qed jipperċepixxu l-istudenti. Din l-attivita' tista' tieħu ftit minuti; tista' tieħu aktar. Skont il-livell ta' għejja u/jew attenzjoni li jkollhom l-istudenti.
- Dak li jintqal fl-attivita' **Konfluwenti**, jinkiteb minni fuq il-bord. Jien nieħu ħsieb li nikteb b' mod sistematiku u din is-**Sekwenza**, tingħoġob ħafna mill-istudenti għaliex tagħtihom ordni mfassal għall-ħsibijiet tagħhom. Barraminhekk, dawn il-punti jiġu miktuba b'Malti aktar irfinut u b'din il-**Preċiżjoni** mogħtija huma jkomplu jkattru aktar kunfidenza fil-lingwa. Kultant inħalli ftit ħin sabiex l-istudenti jlaħħqu fil-kitba tagħhom.

**Konklużjoni:**

- Lejn l-aħħar ta' din l-attivita', nasal għall-konklużjoni tal-analiżi tal-poeżija u jekk ikun hemm ftit tal-ħin disponibbli, nerġa' indur fuq l-aspett prinċipali ta' din il-poeżija i.e. *it-tifkiriet tat-tfulit il-poeta* u ngħaqqad dan il-ħsieb mal-poeżiji l-oħra li ġejjin wara din.

- o Nanticipa x'ser iseħħ fil-lezzjoni li jmiss ħalli l-istudenti jkunu ppreparati u nfakkar meta ħa nerġgħu niltaqgħu (**Sekwenza**)

## Tfassil tal-Lezzjoni No.2

**Suġġett:** Malti Letteratura. Sillabu taċ-Ċes.

**Klassi:** Form 3Blue

**Ħin:** 45 minuta bejn wieħed u ieħor.

**Topik:** Il-Poeżija <u>Mal-Ewwel Qtar</u>

**Għan Ġenerali**:

Matul is-sena skolastika, jien ikolli żewġ lezzjonijiet fil-ġimgħa
li l-għan tagħhom hu li jkopru:

- Qari tat-test (bejn wieħed u ieħor żewġ paragrafi/stanzi kull lezzjoni)
- Spjegazzjoni tal-vokabularju (minn Malti antik għal Malti modern)
  (mill-Malti għall-Ingliż)
- Spjegazzjoni tat-termini letterarji
- Spjegazzjoni tat-test fi ħdan it-tema
- Għotja ta' xogħol għad-dar wara kull test
  (ix-xogħol jinkludi mistoqsijiet qosra li mwieġba b'ċertu mod, joħolqu analiżi/taqsira ta' mitejn kelma mill-inqas)
- It-tema analizzata minn Settembru sa Ġunju hija:TIFKIRIET

**Għan Speċifiku**:

- F'din il-lezzjoni, jiena u l-istudenti ħa naħdmu flimkien l-analiżi tal-poeżija <u>Mal-Ewwel Qtar</u> ta' Raymond Mahoney.
- F'din il-lezzjoni l-istudenti ħa jkollhom il-mistoqsijiet u t-tweġibiet li bihom ħa titfassal it-tema analitika fuq il-poeżija.
- Nipprova nlaħħaq il-mistoqsijiet kollha imma jista' jkun li minħabba restrizzjoni ta' ħin nasal sa nofs it-tweġibiet. Hekk filkaż, din l-attivita' jew titkompla d-dar mill-istudenti, jew inkella titkompla fil-lezzjoni li jmiss.

**Proċediment**:

- o Jien inħobb nistenna fil-bieb u f'dan il-mument l-istudenti jafu li
  - ✓ jridu jiżbarazzaw il-mejda minn kotba ta' suġġetti oħrajn,
  - ✓ joħorġu l-fajl tal-Malti, karti vojta u l-kaxxa tal-għodda (*pencilcase*),

- ✓ jiċċekkjaw għandhomx il-materjal meħtieġ (f'dan il-każ il-fotokopja fejn hemm ipprintjata l-poeżija msemmija) jekk le, iridu jiġru jagħmlu fotokopja mingħand is-segretarja.
- ✓ jiġbru ż-żibel minn mal-art. Dan l-kmand imdorrijin għalih ladarba jafu li jien ġo miżbla ma naħdimx.
- ✓ jqumu bil-wieqfa u jistennew li nidħol fil-klassi. Ngħid '*Bonġu lil kulħadd*', nistenna risposta lura, ngħidilhom biex ipoġġu bilqiegħda.

Minn hawn mhemmx dubju dwar il-livell għoli tas-**Sekwenza** tiegħi. Jien inħobb l-ordni għax fiha nara li l-istudenti jaqtgħu minn dak li kienu qed jagħmlu qabel u jiffukaw fuq dak li ġej għalihom.

Sakemm il-proċedura tal-bidu ssir awtomatika jgħaddu xhur u jien sadanitant infakkar lill-istudenti x'għandhom jagħmlu hekk kif inkun qed nistenna fil-bieb.

- o Malli nibda l-lezzjoni, navża bil-preċiż x'ser isir fil-lezzjoni u niġbdihom l-attenzjoni fuq il-fatt li jekk jagħmlu l-almu tagħhom u jikkonċentraw nistgħu flimkien inlestu ħafna mix-xogħol fil-klassi. Din il-proċedura **Sekwenzjali** tgħinhom jaraw il-lezzjoni mfassla quddiemhom. Dan iqanqal fihom sens ta' responsabbilta' u parteċipazzjoni produttiva.

- o Għall-ewwel ħames minuti, jien ħa nkun qed nikteb il-mistoqsijiet fuq il-bord. L-istudenti huma mitluba biex jiktbu dawn il-mistoqsijiet fuq karta. Sakemm issir din il-ħidma, jien nirrikjedi silenzju u ħidma kostanti. Jekk xi student ikollu diffikulta' fuq dak li nkun qed nikteb, nitolbu jħalli ftit spazju vojt u jkompli jikkopja. Wara li nlesti jien mill-kitba, indur mal-klassi u nwieġeb għal kull diffikulta'. Din l-attivita' sempliċi tgħallem **Sekwenza** kif ukoll **Preċiżjoni**.

- o Hekk kif ninduna li xi studenti lestew l-ikkupjar qabel oħrajn, nibda naħdem magħhom fuq il-**Konfluwenza** u l-**Preċiżjoni** meħtieġa għal din il-biċċa xogħol. Nitlobhom biex b'mod individwali u bil-lapes f'idejhom jibdew ifittxu min-noti u jaħsbu bejnhom u bejn ruħhom it-tweġibiet tal-ewwel żewġ mistoqsijiet.

- o Malli kulħadd ikun lest mill-ikkupjar, nibdew flimkien naħdmu t-tweġibiet. Jien nistaqsi għall-punti mingħand l-istudent u b'dawn il-punti, jien niktbilhom fuq il-bord is-sentenzi/ tweġibiet ġol-forma ta' paragrafu.

- o N.B. Jien f'dan il-waqt ikun qed nurihom kif titfassal tema organizzata u għalhekk qed inkattar fihom sens ta' **Sekwenza**. Min-naħa l-oħra, nagħfas fuq il-fatt li dan li qed jinkiteb fil-klassi huwa

kampjun. L-istudent jista' jibqa' b'dan il-kampjun, inkella d-dar f'temp ta' ġimgħa jista' jirfina x-xogħol b'aktar **Preċiżjoni**. Dan ovvjament jiddependi fuq it-tfassil individwali. Hawn jien inkun qed inżomm f'moħħi dawk l-istudenti li forsi għandhom **Sekwenza/Preċiżjoni** baxxa u/jew **Teknika** għolja u li għalhekk biċċa xogħol bħal din tista' tkun tedjanti u frustranti. Bl-eżempju tiegħi nipprova nurihom li l-attivita' mhix impossibbli.

- F'dan il-waqt, nenfasizza wkoll fuq l-importanza tal-preżentazzjoni. Hawn forsi jidħol ftit it-tfassil tiegħi personali imma jien tal-fehma li f'ġimgħa ċans l-istudent jista' jsib il-ħin u jaħdem ftit u jġebbed l-aspett **Sekwenzjali** tal-preżentazzjoni u tal-organizzazzjoni.

**Konklużjoni:**

- Il-ħidma tkompli bl-istess tfassil għall-bqija tal-mistoqsijiet. Nittama li l-parteċipazzjoni u l-ħin jaħdmu favurija u nilħaq inlesti ftit aktar min-nofs tat-tweġibiet. Inkomplix fil-lezzjoni li jmiss jew inkella nħallihomx jaħdmu waħedhom jiddependi fuq il-perċezzjoni tal-mument. Jekk inħosshom kunfidenti nħallihom waħedhom; jekk nħoss li hemm bżonn ta' aktar direzzjoni nkompli magħhom fil-lezzjoni li jmiss.

Tfassil tal-Lezzjoni No.3

**Suġġett:** Malti Letteratura. Sillabu taċ-Ċes.

**Klassi:** Form 3Blue

**Ħin:** 45 minuta bejn wieħed u ieħor.

**Topik:** Il-Poeżija Tifkiriet tat-Tfuliti.

**Għan Ġenerali**:

Matul is-sena skolastika, jien ikolli żewġ lezzjonijiet fil-ġimgħa li l-għan tagħhom hu li jkopru:

- Qari tat-test (bejn wieħed u ieħor żewġ paragrafi/stanzi kull lezzjoni)
- Spjegazzjoni tal-vokabularju (minn Malti antik għal Malti modern) (mill-Malti għall-Ingliż)
- Spjegazzjoni tat-termini letterarji
- Spjegazzjoni tat-test fi ħdan it-tema
- Għotja ta' xogħol għad-dar wara kull test (ix-xogħol jinkludi mistoqsijiet qosra li mwieġba b'ċertu mod, joħolqu analiżi/taqsira ta' mitejn kelma mill-inqas)
- It-tema analizzata minn Settembru sa Ġunju hija:TIFKIRIET

**Għan Speċifiku**:

- F'din il-lezzjoni, jiena u l-istudenti ħa nibdew naqraw flimkien il-poeżija Tifkiriet ta' Tfuliti ta' Karmenu Vassallo .
- F'din il-lezzjoni l-istudenti ħa jaqraw l-introduzzjoni u biċċa mill-ewwel parti tal-poeżija.
- L-għan hu li huma jibdew jqabblu t-tifkiriet ta' Karmenu Vassallo ma' dawk ta' Raymond Mahoney.

**Proċediment**:

- Jien inħobb nistenna fil-bieb u f'dan il-mument l-istudenti jafu li
  - ✓ jridu jiżbarazzaw il-mejda minn kotba ta' suġġetti oħrajn,
  - ✓ joħorġu l-fajl tal-Malti, karti vojta u l-kaxxa tal-għodda (*pencilcase*),
  - ✓ jiċċekkjaw għandhomx il-materjal meħtieġ (f'dan il-każ il-fotokopja fejn hemm ipprintjata l-poeżija msemmija) jekk le, iridu jiġru jagħmlu fotokopja mingħand is-segretarja.

- ✓ jiġbru ż-żibel minn mal-art. Dan l-kmand imdorrijin għalih ladarba jafu li jien ġo miżbla ma naħdimx.
- ✓ jqumu bil-wieqfa u jistennew li nidħol fil-klassi. Ngħid '*Bonġu lil kulħadd*', nistenna risposta lura, ngħidilhom biex ipoġġu bilqiegħda.

Minn hawn mhemmx dubju dwar il-livell għoli tas-**Sekwenza** tiegħi. Jien inħobb l-ordni għax fiha nara li l-istudenti jaqtgħu minn dak li kienu qed jagħmlu qabel u jiffukaw fuq dak li ġej għalihom.

Sakemm il-proċedura tal-bidu ssir awtomatika jgħaddu xhur u jien sadanitant infakkar lill-istudenti x'għandhom jagħmlu hekk kif inkun qed nistenna fil-bieb.

- o L-ewwel ħaġa nfakkar li x-xogħol mogħti fil-lezzjoni ta' qabel irid jkun lest sal-lezzjoni li jmiss. Nara jekk hemmx xi diffikultajiet fir-rigward tax-xogħol. Forsi xi studenti jkunu ħadmuh u jixtiequ jiċċekkjaw jekk ix-xogħol sarx tajjeb sew jew le.

  Dan ikattar fl-istudenti aktar l-aspett tas-**Sekwenza** ladarba l-ħidma tax-xogħol ma tintesiex u tista' tiġi mqassma matul iż-żmien, fl-istess ħin il-fatt li nagħtihom ċans jiċċekkjaw ix-xogħol waqt li jkun qed isir tgħinhom aktar fil-**Preċiżjoni** tal-preżentazzjoni.

- o Wara dan il-mument tal-bidu nitlobhom ifittxu fil-pakkett tal-karti l-poeżija <u>Tifkiriet ta'Tfuliti.</u> Hekk kif ikunu qed jagħtuha l-ewwel daqqa ta'għajn nitlobhom jinnutaw xi differenzi bejn din il-poeżija u l-poeżija ta' qabel (**Preċiżjoni**). Dawn jitniżżlu fuq il-bord (**Sekwenza**). B'mod speċjali l-attenzjoni trid taqa' fuq it-tul tal-poeżija. Min hawn joħroġ l-element li l-poeti Romantiċi jħobbu jtawlu d-diskors, iħobbu d-dettal. Iħobbu jkunu **Preċiżi**.

- o B'riga u lapes f'idejhom nitlobhom jaqsmu l-poeżija fi tnejn. Nindikalhom fejn. Ngħidilhom li ma' din il-linja ħa tinbidel il-burdata tal-poeta u din fil-poeżija tissejjaħ *volta.* Nindikalhom ukoll li l-parti maqtugħa għaliha fil-bidu bl-istilel hi l-introduzzjoni u l-aħħar stanza ħa tkun il-konklużjoni.

  Din il-proċedura ta' tqassim **Sekwenzjali** tnaqqsilhom mill-impatt tat-tul tal-poeżija. B'hekk l-istudenti ma jarawhiex twila wisq il-poeżija. Dan inaqqas mill-istress tedjanti li toħloq poeżija twila u **Preċiża** ż-żejjed.

- o Qabel ma ngħaddu għal qari tal-introduzzjoni, nitolbhom jiftakru x'kienu l-ingredjenti tat-tfulijia li wera Raymond Mahoney fil-poeżija tiegħu. Jien niktibhom fil-ġenb tal-bord. B'hekk nippreparahom għal

dak li ser jaqraw. Nippreparahom għall-fatt li dan il-poeta ser jitkellem fuq l-istess elementi imma bi stil differenti. Ħa jimxu fuq mudell/ideat li diġa' raw. Il-fatt li qed noffrilhom mudell ta' ħsieb fuq xiex jimxu qed tkattrilhom it-tfassil **Sekwenzjali**.

- Ngħaddu għall-qari. Nitlob lil xi ħadd jaqra waqt li l-oħrajn jimmarkaw bil-lapes il-kliem li ma jafux. Wara l-qari, nispjegaw il-vokabularju minn Malti għall-Malti, minn Malti għall-Ingliż fejn ikun meħtieġ.

- Nerġa' naqra l-introduzzjoni b'interpretazzjoni ħalli toħroġ l-emottivita' tal-poeta Romantiku. Ninnota l-vokabularju li għandu x'jaqsam maċ-ċokon. B'hekk noħroġ l-element tas-sbuħija fiċ-ċokon tipiku tar-Romantiċi. Din issaħħaħ il-**Preċiżjoni** fl-interpretazzjoni.

- Inkomplu bil-qari. Stanza oħra tgħaddi mill-istess proċess: qari u tifsir tal-vokabularju. Inħobb iżżomm l-istess **Sekwenza** ta' ħidma ħalli l-istudenti jkunu jistgħu jantiċipaw dak li jmiss u ma jħossuhomx mitlufin.

- F'din l-istanza, jibdew ħerġin ftit mill-ingredjenti tat-tfulija. Nerġa' nirreferi għal-lista li nkun għamilt fil-ġenb tal-bord u nitlob lill-istudenti josservaw liema minnhom qed jerġgħu jidhru. **Nippreċiżaw** flimkien dan l-aspett.

**Konklużjoni:**

- Din l-attivita' tista' tibqa' tirrepeti ruħha sal-aħħar tal-lezzjoni skont kemm ikun fadal ħin u skont il-parteċipazzjoni tal-istudenti. Ir-ritmu matul l-lezzjoni jinżamm baxx imma konstanti ħalli dawk l-istudenti li jsibuha diffiċli jsegwu **sekwenza** jew **preċiżjoni**, u forsi jkunu ftit aktar **tekniċi** jkollhom ħin biżżejjed biex isegwu u jiktbu l-punti minn fuq il-bord.

- Il-**Konfluwenza** hi fasla li ma nistax ngħaddi mingħajrha f'lezzjoni tal-letteratura b'mod speċjali meta l-poeżija hi bil-Malti f'kuntest skolastiku pro-Ingliż u b'mod speċjali meta l-poeżija hi tedjanti u twila.